MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2009

Rikors Numru. 69/2009

**Fl-atti tal-mandat ta' qbid numru 592/09 fl-ismijiet:-**

**Printline Quality Printers Limited (C25727)**

**Vs**

**Neil Jarrett (ID 264500L)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors in esami li bih ir-rikorrenti, Neil Jarrett, wara li ppremetta li l-bierah, fis-6 ta' filghaxija l-Marixxal eleva l-vettura tal-esponenti Fiat Palio CBL-694, liema vettura tiswa aktar minn Euro10,000 li tinsab ghand il-konsenjatarju certu Alan Friggieri li dan sar kontra d-disposizzjonijiet tal-artikolu 846(1) u (2) tal-Kap 12 stante illi l-Qorti ma awtorizzat ebda elevazzjoni.

Li s-sorte hu biss ta’ Euro808.47c u ghadu kawtelatorju u din hi l-unika vettura li ghandha.

Talab bir-rispett sabiex din il-Qorti tordna mmedjatament ir-rilaxx tal-vettura Fiat Palio CBL-694 u dan taht kull provvediment li din il-Qorti joghgobha tistabilixxi.

Tistabilixxi kif ukoll id-dokument anness mal-istess rikors a fol 2 tal-atti.

Rat id-digriet Taghha preliminari moghti fis-27 ta’ Frar 2009 u li jinsab a fol 3 tal-istess atti.

Rat il-mandat in esami anness a fol 4 sa fol 7 tal-atti.

Rat ir-rikors addizzjonali tal-istess rikorrenti (fol 17 et seq ibid) u li, permezz tieghu l-istess rikorrenti msemmi wara li ppremetta li dalghodu 4 ta’ Marzu 2009 huwa irceva l-vettura lura u dan skond l-anness Dok A.

Li s-sekwestrant intavola kontro mandat (numru 687/09) kopja annessa dok B.

Li ghalhekk il-mertu huwa ezawrit izda l-esponenti izomm ferm il-Kap tal-ispejjez, talab bir-rispett sabiex din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddecidi fuq il-kap tal-ispejjez.

Rat ukoll l-imsemmi rikors intavolat mis-socjeta’ intimata, f’dan il-kaz, u dan ghall-hrug tal-opportun kontromandat (fol 18 sa fol 21 ibid).

Rat in-nota tal-istess rikorrenti (fol 23 sa fol 27 ibid) u li biha giet esebita kopja informi ta’ ittra ufficjali bir-riferta relattiva, mibghuta mill-istess rikorrenti lis-socjeta’ intimata.

Rat ir-risposta tal-istess socjeta’ intimata (fol 34 ibid) u li biha esponiet bir-rispett:-

Illi fl-4 ta’ Marzu 2009 l-intimat Neil Jarrett kien ipprezenta rikors (b’liema rikors is-socjeta’ esponenti qeghda, ghal kull buon fini, taghti ta’ b’ruhha notifikata) fl-atti tar-rikors

de quo fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddeciedi fuq il-kap ta’ l-ispejjez.

Illi fit-23 ta’ Marzu 2009 l-istess Neil Jarrett kien ukollipprezenta nota li permezz taghha kien ipprezenta t-taxxa ta’ l–ispejjez ta’ l-ittra ufficjali numru 990/09 (kopja annessa mar-rikors) illi huwa kien ipprezenta fir-registru ta’ din l–Onorabbli Qorti.

Illi minghajr pregudizzju ghall-kawza fuq il-mertu fl-ismijiet *Printline Quality Printers Limited vs Neil Jarrett – Avviz numru 137/2009 GM* li hemm pendenti quddiem it-Tribunal Ghal Talbiet Zghar, is-socjeta’ esponenti Printline Quality Printers Limited qieghda taccetta illi thallas l-ispejjez tal-mandat ta’ qbid numru 592/09 JVA u tal-kontro-mandat relattiv bin-numru 687/09 JVA izda s-socjeta’ esponenti Printline Quality Printers Limited qieghda umilment tissottometti illi hija m’ghandiex thallas l-ispejjez ta’ l-ittra ufficjali numru 990/09 fuq imsemmija u dana stante illi decizjoni fuq l-ispejjjez ta’ l-imsemmija ittra ufficjali mhijiex kompetenza ta’ din l-Onorabbli Qorti fil-proceduri odjerni izda hija kompetenza tat-Tribunal Ghal Talbiet Zghar li quddiemu hemm pendenti il-fuq imsemmija kawza fuq il-mertu u li fir-rigward ta’ liema kawza l-esponenti qieghda zzomm ferm id-drittijiet taghha. Illi fil-fatt l-ittra ufficjali numru 990/09 ta’ l-imsemmi Neil Jarrett hawn annessa tikkontjeni principalment sottomissjonijiet dwar il-meritu li bhalissa qed jigu ikkunsidrati mill-imsemmi Tribunal.

Illi di piu’ s-socjeta’ esponenti Printline Quality Printers Limited ma kienitx talbet il-hrug tal-kontromandat numru 687/09 konsegwenza ta’ l-ittra ufficjali numru 990/09 ta’ Neil Jarrett izda kienet talbet il-hrug tal-kontro mandat numru 687/09 JVA in *bona fede* unilateralment fis-27 ta’ Frar 2009 u b’hekk hafna qabel ma kienet giet notifikata bl-imsemmija ittra ufficjali numru 990/09, liema notifika sehhet biss fit-3 ta’ Marzu 2009.

Is-socjeta’ esponenti Printline Quality Printers Limited jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex fid-decizjoni taghha fuq l-ispejjez ma tinkludix dawk ta’ l-ittra ufficjali numru

990/09 izda thalli d-decizjoni fuq l-ispejjez ta' l-imsemmija ittra ufficjali ghat-Tribunal Ghal Talbiet Zghar fil-kawza fl-ismijiet *Printline Quality Printers Limtied vs Neil Jarrett (Avviz numru 137/2009 GM)* li quddiemu hemm il-kawza fuq il-meritu pendenti.

Rat l-atti kollha.

Semghet lill-abili difensur tar-rikorrenti.

Ikkunsidrat

Illi kif jidher mill-istess atti, l-meritu ta' dan ir-rikors jidher li gie esawrit billi gie presentat kontro mandat ghal dak in esami kif jidher a fol 18 sa fol 20 tal-atti u li gie dekretat fit-2 ta' Marzu 2009.

Ili s-socjeta' intimata fir-risposta taghha (fol 34 ibid) esponiet illi qed taccetta illi thallas l-ispejjes tal-istess mandat (numru 592/09JVA) u tal-imsemmi kontro-mandat (numru 687/09 JVA) izda qed tikkondendi li ma ghandhiex thallas dawk tal-ittra ufficjali numru 990/09 esebita in atti a fol 25 sa fol 27 u fol 35 ibid) u dan peress illi qed tikkontendi illi tali decisjoni ma hiex ta' kompetenza ta' din il-Qorti izda tat-Tribunal hemm imsemmi li qed jisma l-kawza bejn l-istess partijiet. Difatti, skond l-istess socjeta' intimata din l-ittra ufficjali tikkontjeni, principalment, sottomissjonijiet dwar il-meritu tal-imsemmija kawza. Inoltre, is-socjeta' intimata ma kienetx talbet il-hrug tal-imsemmi kontromandat bhala konsegwenza ta' din l-ittra ufficjali izda tali talba saret "in bona fede" unilateralment" fis-27 ta' Frar 2009 ossija hafna qabel ma saret in-notifika lilha tal-istess ittra li saret fit-3 ta' Marzu 2009.

Illi jidher li l-kontro mandat gie akkolt mill-Qorti fit-2 ta' Marzu, 2009 u l-vettura in kwistjoni nghatat lura lir-rikorrenti fl-4 ta' Marzu 2009. L-imsemmija ittra ufficjali giet presentata fir-Registru ta' din il-Qorti mir-rikorrenti fis-26 ta' Frar 2009 notifikata fit-3 ta' Marzu 2009 jum wara l-hrug tal-kontro mandat.

Illi fl-istess ittra ufficjali u permezz taghha is-socjeta' intimata kienet giet interpellata fis-sens illi r-rikorrenti kien qed jirrespingi l-pretensjonijet tas-socjeta' intimata kif dedotti minn ittra ufficjali ohra presentata kontra r-rikorrenti (ittra ufficjali numru 719/09). Inoltre fl-istess ittra is-socjeta' intimata qed tigi interpellata ukoll sabiex thallas danni lir-rikorrenti f'kaz li ma tigix rilaxxata u ritornata l-vettura maqbuda.

Illi l-ittra ufficjali in esami fil-fehma ta' din il-Qorti ma ghandhiex tifforma parti minn dawn il-proceduri peress illi l-ewwel parti taghha hi, in risposta, ghal ohra u tittratta dwar il-meritu tal-kawza li hi pendenti quddiem it-Tribunal kompetenti. Ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti, l-ispejjes tal-ittra ufficjali numru 990/09 ma jistawx jigu trattati u decizi minn din il-Qorti.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, filwaqt li tiddikjara l-meritu ta' dan ir-rikors bhala ezawrit, tordna lis-socjeta' intimata sabiex thallas l-ispejjes kollha ta' dan ir-rikors waqt li thalli d-decisjoni finali dwar l-ispejjes tal-ittra ufficjali numru 990/09 f'idejn it-Tribunal li qed jisma' l-kawza fuq il-meritu u bejn l-istess partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------